MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 523/2004

**Borg Transportation Ltd**

**vs**

**Raymond Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija erbgha u sebghin Lira Maltin u tmintax-il centezmu, (LM1,574.18,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' "diesel" mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta'

attrici u dan kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok BT1) u dan oltre l-imghaxijiet minn dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv;

2. Illi nonostante pagament akkont ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0), maghmul fis-17 ta' Frar, 2004, (Dok BT2), ma saru ebda pagamenti ohra u l-bilanc fuq mitlub ghadu dovut sal-lum;

3. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenut datata s-7 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz taghha ammetta t-talbiet dedotti fl-avviz odjern;

Ghaldaqstant din il-qorti tikkundanna lill-konvenut Raymond Calleja biex ihallas l-ammont ta' elf hames mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u tmintax-il centezmu, (LM1,574.18,0), lis-socjeta' attrici Borg Transportation Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------